MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2011

Numru 49/2009

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Patrick Borg**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuża numru 49 tas-sena 2009 kontra l-akkużat Patrick Borg, li bih hu ġie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Ġenerali ppremetta fl-Ewwel Kap illi f'Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fit-tlett snin ta` qabel Patrick Borg iddeċieda li jibda jittraffika, jbiegħ, jipprokura u jforni d-droga kokajina u d-droga herojina xjentement u illegalment lil diversi persuni ġewwa Birkirkara u f`diversi inhawi ohra f`dawn il-gżejjer. Illi infatti Patrick Borg biegh u ittraffika d-droga kokajina u d-droga herojina lil diversi persuni fosthom lil ċertu Mariano Pirrone, Roberto Pirrone, Matthew Abela u Clifford Bonnici. Patrick Borg kien ibiegħ illegalment id-droga lil dawn in-nies sabiex jissodisfa l-vizzju tagħhom, apparti l-

qligħ tal-flus. Patrick Borg kien jiltaqa’ mal-imsemmija persuni sabiex illegalment ibiegħilhom id-droga u dan kien isir f`diversi inħawi ġewwa Birkirkara kif ukoll gewwa l-fond fejn jirrisjedi Patrick Borg u cioe` 62, Otello, Triq John Borg, Birkirkara.
Illi l-imsemmi fond jinsab f`distanza ta` inqas minn mitt(100) metru boghod mill-Iskola Primarja ta` Birkirkara kif gie konstatat mill-Perit imqabbad mill- Qorti.

Id-droga kokajina u d-droga herojina huma imsemmija fit-Taqsima I ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

Illi b’għemilu, l-imsemmi Patrick Borg sar ħati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina u d-droga kokajina speċifikati fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga; b’dan, li r-reat sar b'diversi atti magħmula u li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b`dan illi r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta’ 100 metru mill-perimetru ta’, skola, club jew ċentru taż-żghażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill-imsemmi Patrick Borg hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina u d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap.101) lil persuna jew għal xi persuna mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-

Regoli tal-1939 għall-kontroll Intern tal-Mediċini Perikolużi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan, li r-reat sar b'diversi atti maghmula u li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda; b`dan li r-reat sar fi, jew gewwa distanza ta' 100 metru mill-perimetru ta', skola, club jew centru taz-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ.

Talab illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u li jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (Lm1000) iżda mhux iżjed minn ħamsin elf lira Maltija (Lm50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, anke jekk tali flus u proprjeta' tkun għaddiet għand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta' mobbli jew proprjeta' immobbli jkunu qeghdin f'xi post barra minn Malta, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r- regola 4(a) tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 18, 31, 20, u 533 tal-Kodici Kriminali, jew għal kull piena ohra li tista' skont il-ligi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u cirkostanzi indikati fl-ewwel Kap tal - Akkuza u cioe' fil- 21 ta` Mejju 2008 u fit-tliet snin ta` qabel Patrick Borg kien fil-pussess xjenti tad-droga herojina u tad-droga kokajina biex jittraffikaha u fil-fatt ikkonsenja l-istess droga lil diversi persuni f'Malta. Illi dak il-pussess tad –droga kien mezz u stadju wiehed sabiex ikun jista' imexxi d-droga f'idejn terzi.

Illi d-droga herojina u d-droga kokajina huma drogi specifikati fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101).

Illi b'eghmilu, l-imsemmi Patrick Borg sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina u d-droga kokajina li ghalihom tapplika it-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, 1939 (Kap.101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tiegħu u dik id-droga ma gietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Patrick Borg hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina u d-droga kokajina li ghaliha tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta'Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma gietx fornita lilu għall-użu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn tnax-il-xahar izda mhux izjed min ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira Maltija izda mhux aktar minn ghaxar telef lira Maltija u l-konfiska ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat skond dak li hemm u

jintqal fl-artikoli 9,10(1), 12, 20,22(1)(a)(2)(a)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-regola 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena oħra li tista' skont il-ligi tinghata għall-htija tal-imsemmi akkuzat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi fil-21 ta` Mejju 2008 u fi tlett xhur ta` qabel Patrick Borg kien qiegħed f`relazzjoni ma` certu Antoinette Rapinett. Patrick Borg u Antoinette Rapinett kienu joqoghdu flimkien fil-fond 62, Otello, Triq John Borg, Birkirkara. F`dan il-perjodu Patrick Borg iddecieda xjentement u kontra l-ligi li jzomm u jissekwestra kontra l-volonta` taghha lil imsemmija Antoinette Rapinett u dan billi qafilha fl-imsemmi fond biex ma tkunx tista' toħroġ u heddidha diversi drabi bil-mewt. Aparti dan kollu Patrick Borg kien izomm fid-dar tiegħu pistola biex iġiegħel lill- imsemmija Antoinette Rapinett ma toħroġx mil-fond fuq imsemmi u dan kontra l-volonta` tagħha.

Illi b'għemilu l-imsemmi Patrick Borg sar ħati li bla ordni skond il-ligi ta` Awtorita` Kompetenti u barra mill-każijiet fejn il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra kontra l-volonta` taghha lil Antoinette Rapinett liema reat huwa aggravat għax sar b`theddid ta` mewt.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lil Patrick Borg ħati talli bla ordni skont il-liġi ta` Awtorita` Kompetenti u barra mill-każijiet fejn il-Ligi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lil ħati, arresta, żamm jew issekwestra kontra l-volonta` taghha lil Antoinette Rapinett liema reat huwa aggravat ghax sar b`theddid ta` mewt.

Talab li jingħamel skont il-ligi kontra l-imsemmi akkużat Patrick Borg u illi huwa jigi ikkundannat għal piena ta' priġunerija minn tlettax il- xahar sa tliet snin skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 86, 87(1)(c), 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkuzat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba’ Kap illi fiż-żmien u taħt iċ-cirkustanzi indikati fit-tielet Kap tal-Att tal-Akkuża u ċioe’ fil-21 ta’ Mejju, 2008 u fi tliet xhur ta` qabel, Patrick Borg iddecieda xjentement li bl-imġiba tiegħu jikkaguna biża’ li ser tintuza vjolenza fuq il-persuna ta` Antoinette Rapinett meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imġiba tiegħu kienet ser żgur tikkaġuna biża’ lil Antoinette Rapinett. Illi l-imgiba ta` Patrick Borg kienet tikkonsisti fost affarijiet oħra f`theddid ċar ta` mewt fil-konfront ta` Antoinette Rapinett li bla dubju ta` xejn kienu jnisslu fiha biza` li ser tintuża vjolenza kontra tagħha**.**

Illi b’għemilu l-imsemmi Patrick Borg sar ħati li bl-imġiba tiegħu ikkaġuna lil Antoinette Rapinett, biża’ li ser tintuża vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgiba tiegħu se tikkaġunalha biża’.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi akkuża lill- Patrick Borg ħati li bl-imġiba tiegħu ikkaġuna lil Antoinette Rapinett, biża’ li ser tintuża vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imġiba tiegħu se tikkaġunalha biża’.

Talab li jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat Patrick Borg u illi huwa jiġi ikkundannat għal piena ta` priġunerija minn tliet xhur sa sitt xhur jew multa ta` mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75) u mhux iżjed minn ħdax il-elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgha u tmenin centezmu(11,646.87), jew dik il-multa u priġunerija flimkien skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 251B (1)(2)(3), 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat ir-Rikors Konġuntiv tal-Avukat Generali u tal-akkużat Patrick Borg, tad-29 ta’ Novembru, 2011, fejn, wara li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali li fl-eventwalita’ li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat għall-akkużi miġjuba kontrih, il-piena li għandha tigi inflitta fuqu minn din il-Qorti

għandha tkun waħda ta' priġunerija għal periodu komplessiv ta' ħames snin u sitt xhur flimkien ma' multa ta' tnax il-elf Euro (€12,000) u dan oltre s-sanzjonijiet u konsegwenzi oħra tassattivi ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101) inkluż il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-propjeta` mobbli u mmobbli tal-istess akkużat.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum 5 ta' Dicembru, 2011, l-akkużat, mistoqsi jekk hux ħati skond l-Att tal-Akkuża, wieġeb billi stqarr li hu kien ħati tar-reati hemm dedotti kontra tiegħu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba u tatu ftit taż-żmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li tagħmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-akkużat baqa` jtenni t-tweġiba li hu kien ħati.

Tiddikjara għalhekk lil Patrick Borg ħati :-

1. talli fil-21 ta' Mejju 2008 u fit-tlett snin ta' qabel forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga herojina  u d-droga kokajina specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-kontroll Intern tal-Medicini Perikolużi jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga; b'dan, li r-reat sar b'diversi atti magħmula u li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u gew magħmula b'riżoluzzjoni wahda; b`dan li r-reat sar fi, jew ġewwa distanza ta' 100 metru mill-perimetru ta', skola, club jew centru taz-żgħażagħ, jew xi post iehor simili fejn

normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ u dana skont l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża.

2. talli fil-21 ta’ Mejju 2008 u fit-tliet snin ta’ qabel kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina u d-droga kokajina li ghaliha tapplika it-Taqsima IV u V tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap.101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta’ Malta u ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/39) jew b’xi awtorita’ moghtija mill-President ta’Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu u dik id-droga ma ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skont riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dana skont it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża.

3. talli fil-21 ta’ Mejju 2008 bla ordni skond il-ligi ta` Awtorita` Kompetenti u barra mill-każijiet fejn il-Liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lil ħati, arresta, żamm jew issekwestra kontra l-volonta` tagħha lil Antoinette Rapinett liema reat huwa aggravat ghax sar b`theddid ta` mewt u dana skont it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża.

4. talli fil-21 ta’ Mejju, 2008 u fi tliet xhur ta’ qabel li bl-imġiba tiegħu ikkaġuna lil Antoinette Rapinett, biza li ser tintuża vjolenza kontriha, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imġiba tiegħu se tikkaġunalha biża’, u dana skont ir-Raba Kap tal-Att tal-Akkuża.

Ikkonsidrat;

Qieset l-ammissjoni qabel ma ġie iffurmat il-ġuri, li pero’ ma tistax tissejjaħ waħda bikrija għaliex la saret mal-preżentata b’arrest tal-ħati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Qieset ukoll illi r-reat dedott fil-Tieni Kap tal-Akkuża serva bħala mezz għall-fini biex seta’ jsir ir-reat dedott taħt l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża kif ukoll li r-reat dedott fir-raba’ Kap tal-akkuża serva bħala mezz biex seta’ jsir ir-reat taħt it-tielet kap tal-akkuża u għalhekk, għall-fini tal-

konkors tal-pieni, għandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (Ara **"Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] u **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.05.2003] u oħrajn).

Qieset finalment il-piena li nghatat minn din il-Qorti f'kazijiet analogi reċentement biex ikun jista' jinżamm ċertu proporzjon u relativita' fil-piena għal dak li jirrigwarda l-gravita' tar-reat

Peress li, wara li ħadet kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, hija sodisfatta li l-kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u miżuri mitluba huma tali li jkun leġittimu illi hija timponi għas-sejbien ta' ħtija għar-reati li dwarhom il-ħati ammetta l-ħtija tiegħu u peress li ma hemmx raġuni oħra skont il-liġi biex din il-Qorti tordna li jitkompla li jsir il-ġuri tal-każ, jidher li din il-Qorti għandha tgħaddi biex tagħti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet.

Għaldaqstant, wara l qieset dan kollu, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, (Kap. 101), ir-regola 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 17, 23 18, 31, 20, 86, 87(1)(c), 251B (1)(2)(3) u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-ħati Patrick Borg għall-piena ta' ħames snin u sitt xhur priġunerija, b'dana li minn dan il-perjodu jrid jinqata' kull żmien li hu għamel taħt arrest preventiv BISS in konnessjoni ma` dawn ir-reati flimkien ma' multa ta' tnax il-elf Euro (€12,000) konvertita fi tnax –il xahar priġunerija jekk ma jithallsux fi żmien xahar kif ukoll tikkundannah iħallas is-somma ta' elf u erbatax-il Euro u wieħed u tletin ċenteżmu (€1014.31) import tal-ispejjeż peritali a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u immobbli oħra tal-ħati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjeż tal-perizji ma jitħallsux fi żmien ħmistax-il jum mil-lum, jiġu konvertiti f' terminu ta' priġunerija skont il-liġi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------